MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 38

9 ta' Ġunju 2015

Minuti tas-seduta Nru. 38 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar t-Tlieta, 9 ta' Ġunju 2015 fis-7.15pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha, minbarra l-Kunsilliera A. Brincat Stellini li nfurmat lill-Kunsill dwar dan permezz tal-imejl, eżatt qabel is-seduta. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ, Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta preċedenti mingħajr emendi, li sussegwentement ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Skema dwar restawr ta' postijiet storiċi (R/2/Vol II)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 4.3.3. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fi tweġiba datata 28 ta' Mejju 2015, il-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali – l-Onor. Owen Bonnici – qal li waħda mill-kundizzjonijiet tad-devoluzzjoni li jiġu imposti mid-Dipartiment tal-Artijiet hi li l-Kunsilli jaċċettaw il-beni *tale quale*, u li jieħdu responsabilita` ta' kwalunkwe xogħol li dawn jinħtieġu biex jiġu ppreżentati bl-aħjar mod lill-pubbliku. Għaldaqstant li Kunsill Lokali jdur lura fuq il-Gvern Ċentrali għall-assistenza finanzjarja fir-restawr ta' dawn il-binjiet, proprju jmur kontra l-ispirtu tal-istess devoluzzjoni. Intqal ukoll li l-punt illi sar fl-ilment imressaq mill-Kunsill dwar il-fondi tal-EAFRD isaħħaħ id-deċiżjoni meħuda mill-Ministeru minħabba l-fatt li l-Kunsilli Lokali għandhom alternattiva ta' fondi li jistgħu jirrikorru għalihom fil-każ ta' bini devolut lilhom.

2.1.3. Is-Sindku qal li minħabba din ir-raġuni, ġiet sottomessa applikazzjoni fuq it-tieni preferenza li approva il-Kunsill, ossija dik tar-restawr tar-razzett li hemm fuq il-Gżejjer ta' Selmunett.

2.1.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 2.2.1. Lanterni fuq iż-żuntier f'Misraħ il-Parroċċa (P/4/3/Vol IV)

2.2.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 2.6.1.tas-seduta preċedenti u qal li l-*Contract Manager* issottometta żewġ stimi tal-lanterni – waħda permezz ta' dwal, li tammonta għal €17,000 u oħra permezz ta' lampi tat-tip SON 70 Watts li ġew stmati €16,000.

2.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li d-dokument tal-offerta għandu jinkludi ż-żewġ għażliet, kif ukoll li d-dawl għandu jkun tat-tip *warm white* li jmur aktar mal-ambjent tal-pjazza, kif ukoll jiġi jaqbel mad-dwal tal-parapett u dak tal-Belvedere tas-Sur.

## 2.3.1. Għoti ta' onorefiċenzi fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa (A/5/3/1/Vol XVI)

2.3.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 21.2. tas-seduta preċedenti u qal li permezz ta' ittra datata 27 ta' Mejju 2015, l-Uffiċċju tal-President ta' Malta għarraf li ntlaqgħet l-istedina sabiex l-Eċċ. Tagħha Marie Louise Coleiro Preca tattendi għall-għoti ta' l-onorefiċenzi fit-30 ta' Lulju 2015 u li s-serata tkun taħt il-patroċinju tagħha. Għaldaqstant is-segretarjat tagħha talab kopja tal-programm u l-materjal li se jiġi stampat fejn fih tissemma' l-President, bil-għan li jiġi mgħoddi lilhom għall-approvazzjoni.

2.3.3. Is-Sur C. Debono għarraf ukoll li l-persuni nominati għal fuq il-Bord ta' Rakkomandazzjoni aċċettaw in-nomina, filwaqt li dawk kollha li ssottomettew xi nomina mill-edizzjoni tal-2008 sal-2014 intalbu sabiex jinfurmaw lill-Kunsill dwar jekk jixtiequx iġedduha jew jirtirawha. Intbagħtet ukoll il-lista' tal-kriterji u l-formola tan-nomimi, kif ġew riveduti, lill-għaqdiet kollha sabiex jissottomettu n-nomini li jista' ikollhom sat-30 ta' Ġunju 2015.

2.3.4. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm fuq din il-materja.

2.3.5. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li fis-serata tat-30 ta' Lulju jkun hemm rokna mtella' mill-Fondazzjoni ARKEO, fejn ikun hemm *sketches* bid-dijalett Mellieħi.

2.3.6. Is-Sindku kkummenta li għalkemm is-serata tal-Jum il-Kunsill ser taħbat eżatt qabel l-Iljieli Melleħin, wieħed għandu joqgħod attent li tingħata l-importanza li jixirqilha f'dak li huwa livell ta' kontenut. Huwa qal li f'avveniment bħal dan għandha tindaqq għażla ta' mużika klassika, possibilment minn mużiċisti mil-lokalita` stess.

2.3.7. Kien hemm qbil li għandu jkun hemm aktar diskussjoni fuq il-punti mqajjma fil-minuti 2.3.5. u 2.3.6. fis-seduta li jmiss.

## 2.4.1. Kawża dwar Triq Toni Pace (T/4/13/Vol XII)

2.4.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li sar rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Civili mill-Perit Legali u l-Perit Arkitett fil-kawza James Gouder et vs Kunsill Lokali tal-Mellieħa u Central Asphalt Ltd fejn ġiet sottomessa r-relazzjoni tagħhom. Ġie spjegat li l-imsemmija persuni fir-relazzjoni tagħhom lill-Qorti ma' ħadux in konsiderazzjoni fatturi importanti, fosthom li:

(a) Kemm-il darba jinbidel il-livell tat-triq quddiem ir-residenza ta' Gouder, ser jiġu affettwati l-ġirien kollha, li fil-fatt m'għandhomx il-problema li allegatament għandhom Gouder u b'hekk ġiet injorata l-*bigger picture* tas-sitwazzjoni;

(b) Il-qlib tar-rampa li tagħti għall-garaxx ta' Gouder mhux skont il-permess tal-PAPB, skont dokumenti ppreżentati fix-xhieda tar-rappreżentant tal-MEPA;

(c) Mhux minnu li jiġi ilma mid-direzzjoni ta' Triq Pietru Pawl Caruana, peress li meta sar r-*resurfacing* tat-toroq tal-madwar, il-Kunsill ħa hsieb li ssir *hump* kantuniera ma' Triq Antonio Falzon, liema miżura kienet ittiehdet ferm qabel, fl-1996. *Hump* simili saret fl-2007, fi Triq Toni Pace kantuniera ma' Triq il-Qortin, bil-għan li jinqata' l-ilma tax-xita anke minn din id-direzzjoni;

(d) Is-soluzzjoni tal-*culverts* li qed tigi proposta fir-relazzjoni kienet ġiet proposta lill-Gouder waqt laqgħa li saret fl-uffiċċju tal-*Contract Managers* tal-Kunsill – MP & DC Ltd – fil-preżenza tal-Ministru Evarist Bartolo li kien qed jagħmilha ta' medjatur f'din il-kwistjoni. Dakinhar Gouder ma ridx jaf b'din is-soluzzjoni, għar-raġuni li jekk il-*culverts* ma jitnaddfux regolari, dawn jiġu bla effett;

(e) Għalkemm ir-relazzjoni tirreferi għas-*surveys* separati li ġew ikkommissjonati minn Gouder u mill-Kunsill bil-għan li jiġu stabbiliti l-livelli tat-triq, imkien ma ntqal li dawn kienu skont l-arti u s-sengħa. Min-naħa l-oħra mhux qed jiġi rakkomandat li dawn għandhom jinbidlu. Dan joħroġ mill-fatt li qed jiġi rakkomandat lill-Qorti li għandhom isiru l-*culverts* u hekk ma jitmessux il-livelli eżistenti; u

(f) Kontra għal dak li qed jiġi mplikat fir-relazzjoni tal-Periti, il-Kunsill kellu diversi kuntatti ma' Gouder, fejn offra li jimplimenta s-soluzzjoni tal-*culverts* proposti mill-istess Perit Arkitett maħtur mill-Qorti. L-intenzjoni tal-Kunsill kienet li jwettaqhom fl-2007, iżda dan ma kienx possibbli minħabba l-intransigenza li wera Gouder, li assolutament ried imiss wiċċ it-triq, liema miżura kienet ser taffettwa b'mod negattiv ir-residenzi tal-girien tiegħu.

2.4.2. Is-Sindku J. Buttigieg qal li l-punti (a) sa (f) imsemmija hawn fuq ser jiġu diskussi mal-konsulent legali tal-Kunsill bil-għan li ssir ċessjoni lill-Qorti dwarhom.

### 2.5.1. Restawr tal-Għajn tal-Mellieħa (R/2/3)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.6.1. tas-seduta ta' qabel u qal li fl-10 ta' Ġunju 2015 ser jigi ffirmat il-ftehim mal-MEPA, li permezz tiegħu l-Kunsill ser jibbenefika minn €33,887.80 mill-*EIPP Funds* b'riżq il-proġett imsemmi.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.6.1. Servizz dwar iż-żamma tal-latrini pubbliċi (K/6/1/Vol V)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 5.3. tas-seduta preċedenti li tirreferi għall-pagament Nru. 019-05-15, mitlub minn Absolute Cleaners Ltd, fir-rigward tal-kuntratt dwar il-Manutenzjoni u Żamma tal-Latrini Pubbliċi f'Jannar u Frar 2015. Is-Sur J. Buttigieg qal li wara d-deċiżjoni li jinżammu l-pagamenti relatati max-xhur ta' Frar u Marzu 2015, kien hemm konsultazzjonijiet mal-*Contracts Manager* illi kien tal-fehma li dawn ġew ċertifikati minnu u għalhekk il-Kunsill ma jkunx legalment korrett li jipposponi l-ħlasijiet in kwistjoni.

2.6.3. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li ċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet imsemmija tikkontradixxi l-andament tas-servizz kif irrapportat b'mod persistenti mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

2.6.4. Is-Sindku kompla jgħid li fix-xahar ta' Mejju 2015, l-ammont ċertifikat ser ikun imnaqqas, peress li kien hemm numru ta' *default notices*. Mill-aħħar seduta, saret pressjoni kbira fuq il-kuntrattur biex jirranġa s-sitwazzjoni, peress li nuqqasijiet persistenti qed itappnu r-reputazzjoni tal-Kunsill mal-pubbliku. Intant iż-żewġ ħaddiema li kienu assenjati fuq dan ix-xogħol twaqqfu mill-kuntrattur u attwalment is-servizz qed jingħata mill-imgħallem innifsu u mpjegat li ġie ngaġġjat. Is-Sur J. Buttigieg spjega li minn meta ttieħdet din il-miżura, kien hemm titjib sinifikanti, f'dik li hija ndafa, kif ukoll manutenzjoni. Qal ukoll li qed isir monitoraġġ kontinwu minnu u mis-Segretarju.

2.6.5. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill approva l-rilaxx tal-pagamenti ta' Frar u Marzu 2015, filwaqt li April u Mejju wara li jiġi żgurat li t-titjib jinżamm konsistenti.

### 2.7.1. Andament tal-Festival Internazzjonali tal-Mużika (A/5/3/1/Vol XIV)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.1. tas-seduta ta' qabel u faħħar l-kordinazzjoni li saret mill-Viċi Sindku C. Bartolo biex seħħet din l-attivita`. Is-Sur J. Buttigieg ikkummenta wkoll li biex il-festival ikollu aktar bixra internazzjonali għandu għallinqas ikollu element ieħor barrani, li possibilment tkun banda.

2.7.3. Il-Viċi Sindku qal li huwa jaqbel mas-Sindku u fil-fatt kien hemm kuntatti ma' baned mir-Renju Unit, iżda minħabba l-multi-kulturaliżmu li jeżisti f'dak il-pajjiż, il-vaganzi tal-Għid spiċċaw mill-iskejjel u dawn qed jiġu aktar tard. Billi ħafna mill-mużiċisti huma għalliema, huwa impossibbli għalihom li jillargaw mix-xogħol normali tagħhom. Huwa fakkar li l-ispejjeż tal-ivjaġġar u l-akkomodazzjoni tad-Doncaster Band saru kollha minnhom, filwaqt li l-Kunsill ipprovda trasport minn u għall-ajruport.

2.7.4. Minħabba t-tħejjijiet li jridu jsiru s-Sur C. Bartlolo qal li huwa mportanti li jiġu stabbiliti d-dati tal-edizzjoni li jmiss. Huwa għalhekk ippropona li dawn għandhom ikunu is-27, 28 u 29 ta' Mejju 2016.

2.7.5. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 2.7.4.

**2.8.1. *Resurfacing* ta' Triq Ramlet il-Qortin (T/4/13/Vol XI)**

2.8.2. Is-Sindku għarraf li x-xogħol imsemmi miexi skont kif ippjanat.

2.8.3. Is-Sur J. Buttigieg għarraf ukoll li ġie avviċinat minn diriġenti ta' Armier Developments Ltd – li effettivament jirrappreżentaw is-sidien tal-*boathouses* fiż-żona ta' Ramlet il-Qortin. Huwa qal li dawn qed jitolbu l-permess tal-Kunsill biex jasfaltaw it-triq ewlenija li twassal għall-istess żona, a spejjeż tagħhom.

2.8.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li mhux kompitu tiegħu li joħroġ permessi biex jiġu asfaltati toroq li qatt ma kellhom wiċċ.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 04/06/15
- Skeda ta' Pagamenti – 16/05/15 – 04/06/15
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;

## 4.0. Korrispondenza

**4.1.1. Tneħħija ta' *payphones* (T/2/1/Vol II)**

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 29 ta' Mejju 2015, mibgħut minn GO plc, fejn infurmaw lill-Kunsill illi qed jiġi rreġistrat użu baxx fl-użu tal-*payphones* li hemm fi Triq il-Marfa, kantuniera ma' Dawret it-Tunnara u fi Triq l-Għoljiet, kantuniera ma' Triq l-Etna. Għaldaqstant, il-kumpanija qed titlob il-permess tal-Awtorita` Maltija tal-Komunikazzjoni sabiex dawn jitneħħew.

4.1.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni fid-dawl tal-fatt li l-*payphones* m'għadhomx daqshekk imfittxija mill-pubbliku minħabba l-użu aktar difuż tal-telefons ċellulari.

**4.2.1. Propost bdil fil-linja tat-triq Vincenzo Ciappara k/m Triq il-Qigħan (P/5/8/V)**

4.2.2. Saret referenza għal *Planning Control Application* PC 0013/15, li permezz tagħha is-sid tal-fond li jinsab fl-istess kantuniera qed jitlob li tiġi tneħħija l-i*splay,* kif indikat fuq il-pjanta mehmuża mat-talba.

4.2.3. Il-Kunsill ma sabiex oġġezzjoni għat-talba peress li ħa in konsiderazzjoni li bl-i*splay* u mingħajrha ma ssirx differenza, billi Triq il-Qigħan u Triq Vincenzo Ciappara huma fuq livelli differenti.

**4.3.1. Wirjiet tal-arti mtella' minn Art Club 2000 (S/6/Vol IV)**

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 24 ta' Mejju 2015, mibgħut mill-Art Club 2000 fejn intqal li l-għaqda ser torganizza tliet wirjiet tal-arti mtella' mill-membri tagħha. Dawn ser isiru fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Imdina (12/06/15 – 27/07/15); fil-bini tal-Ministeru għall-Għawdex (02/08/15 – 24/08/15); u fis-sede tal-għaqda fil-Mellieħa (30/08/15 – 08/09/15)

4.3.3. Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi sa massimu ta' €450, skont l-ispirtu tal-artiklu 33(o) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

**4.3.4. Festa tal-Qara' Aħmar (S/6/Vol IV)**

4.3.5. Saret referenza għal imejl datat 3 ta' Ġunju 2015, mibgħut mill-Koperattiva Rurali tal-Manikata, fejn l-istess koperattiva appellat għall-kollaborazzjoni tal-Kunsill fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita` li ser issir fil-Manikata fis-25 ta' Ottubru 2015. Fl-istess imejl ġie propost li l-Kunsill jipprovdi s-servizz tal-*audio* u l-kiri tal-palk u l-kannizzati, filwaqt li jalloka spazju fuq il-*billboard* tiegħu li hemm fit-Telgħa ta' Selmun. Il-Kunsill intalab jintervjeni sabiex jinġiebu kannizzati mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u kantanti għal waqt l-attivita`. Intalab ukoll li l-latrina pubblika ta' Ġnien iż-Żerniq tinfetaħ dakinhar b'servizz adekwat ta' fattiga.

4.3.6. Il-Kunsill iddeċieda li s-sehem tiegħu m'għandux jaqbeż l-ispiża ta' €300.

### 4.5.1. Tifkira tal-memorja ta' Godfrey Wettinger (T/4/1/Vol II)(S/3/7/Vol IV)

4.5.2. Saret referenza għal imejl datat 24 ta' Mejju 2015 mibgħut mis-Sur Mario Vella fejn appella lill-Kunsill sabiex il-memorja tal-istoriku Professur Godfrey Wettinger, li trabba u għex fil-Mellieħa għal parti kbira minn ħajtu. Fl-istess ittra ngħataw diversi suġġerimenti kif dan jista' jintlaħaq, fosthom permezz ta':

- Plakka kommemorattiva mal-faċċata tad-dar tiegħu fi Triq il-Mitħna l-Qadima;
- Monument;
- Tismija tal-liberija pubblika tal-Mellieħa għaliħ; u
- Wirja permanenti dwar ix-xogħlijiet u l-ħajja akkademika tiegħu.

4.5.3. Is-Sindku ppropona li s-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja tissemma' għall-Professur Wettinger, fejn possibilment isir bust tiegħu. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-iskola huwa post idejali biex tinżamm il-memorja tiegħu, għaliex ġenerazzjonijiet differenti ta' tfal waħedhom jistaqsu min kien Wettinger.

4.5.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 4.5.3. u kien tal-fehma li din għandha tiġi diskussa mal-Kunsill Skolastiku qabel issir talba lill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

### 4.6.1. Inklużżjoni ta' tfal imigranti fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/3/1/Vol II)

4.6.2. Saret referenza għal ittra datata 6 ta' Ġunju 2015, mibgħuta mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni dwar miżuri li qed jittieħdu mid-Dipartiment tal-Curriculum biex tfal ta' imigranti li ma jitkellmux bl-Ingliż jintegraw ruħhom fis-sistema edukattiva Maltija. Is-Sindku qal li qed isiru sforzi biex jinstab post li jkun jista' jakkomoda sa ħames klassijiet, li possibilment ikun qrib l-iskola primarja tal-Mellieħa. Il-pjan huwa li dawn il-klassijiet jibdew f'Settembru 2015 u fil-fatt diġa saru kuntatti biex jinstab post addattat. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-Kunsill intalab sabiex jgħin f'dan ir-rigward.

4.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li jistgħu jsiru kuntatti mad-Dar tal-Brothers ta' De La Salle u sidien privati li possibilment jistgħu jipprovdu l-faċilitajiet meħtieġa.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 4 ta' Ġunju 2015.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda tal-pagamenti li tkopri bejn is-16 ta' Mejju u l-4 ta' Ġunju 2015.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda u għaldaqstant kien hemm qbil li din għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

### 7.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi-Sindku C. Bartolo illi tgħid:

**"Billi l-kuntratt li jipprovdi għall-Ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat, li l-Kunsill kellu ma' Velljo Services, skada fil-31 ta' Diċembru 2014, filwaqt li saret sejħa għall-offerti (1/2015) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005);**

**Billi t-tliet offerti li saru ġew evalwati mit-*Tender Adjudication Board* skont il-kriterji stabbiliti minn qabel fid-dokument tal-offerta, liema Bord ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill skont il-minuti tat-18 ta' Mejju 2015;**

**Billi fis-seduta Nru. 37 tal-20 ta' Mejju 2015, il-Kunsill iddeċieda li għandha tintbagħat l-Ittra ta' Aċċettazzjoni lill-offerenti Velljo Services, filwaqt li l-offerenti l-oħra ġew notifikati bl-istess deċiżjoni;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt li jipprovdi għas-servizz imsemmi, għal perjodu ta' erba' snin, b'effett mill-1 ta' Lulju 2015, bir-rati inklużi fl-offerta mitfugħa minn Velljo Services fit-8 ta' Mejju 2015.". (K/6/2/Vol V)**

7.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 8.1. Tħejjijiet għall-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)

8.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo fakkar li l-attivita` ewlenija ser tiżvolġi nhar il-Ħamis 25 ta' Ġunju 2015 f'Misraħ il-Parroċċa, fejn ser idoqqu ż-żewġ baned tal-Mellieħa. Il-bandu ser jibda fit-8.00pm minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq l-Għoljiet, jinżel Triq Ġorġ Borg Olivier kollha u jgħaddi minn Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, fejn ikun hemm *re-enactment* tal-epoka tal-Kavallieri ta' San Ġwann mill-grupp In Guardia. Is-Sur C. Bartolo qal li dan jikkonsisti minn 25 persuna li jinvolvu spiża bejniethom ta' €1,032.50. Hekk kif din tintemm ikompli l-bandu fil-Bitħa tas-Santwarju, Triq l-Inkurunazzjoni, Triq Salvinu Vella u jintemm f'Misraħ il-Parroċċa. Huwa ppropona li fil-pjazza jkun hemm wirja mill-Jackson's Pipe Band li tinvolvi spiża ta' €250 u għal xi l-10.00pm tingħata l-ħuġġieġa. Huwa qal ukoll li ntalab *sponsorship* mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali.

8.3. Is-Sur C. Bartolo qal li jkunu meħtieġa żewġ Pulizija on *extra duty*, kif ukoll żewġ Gwardjani Lokali biex jikkontrollaw it-traffiku, partikularment waqt li jingħalqu t-toroq ewlenin bejn is-7.00pm u 8.00pm. Il-Viċi Sindku ppropona li l-baġit tal-attivita` ikun kif ġej:

| **Servizz** | **Stima** |
|---|---|
| Servizz tal-Audio | 560.00 |
| Dawl | 60.00 |
| Mementos | 272.00 |
| Kiri ta' Imwejjed u Siggijiet | 120.00 |
| Servizz ta' Gwardjani Lokali/Pulizija | 250.00 |
| Stampar ta' *Flyers* | 317.00 |
| Tqassim ta' *Flyers* | 150.00 |
| Iddisinjar tal-*Billboard* u l-*Flyers* | 500.00 |
| Stampar tal-*Billboard* | 350.00 |
| Servizz ta' Fotografu | 90.00 |
| Re-enactment mill-In Guardia | 1,035.00 |
| Jackson's Pipe Band | 250.00 |
| Trasport lill-In Guardia | 225.00 |
| Kiri ta' *Barriers* u Trasport | 48.00 |
| Spejjez Ohra | 60.00 |
| | €4,287.00 |
| Bagit tal-Kunsill | €3,500.00 |

8.4. Il-Kunsill approva n-nefqa fid-dawl tal-fatt li jista' jkun hemm *sponsorship* mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu bħalma kien hemm fis-sena preċedenti.

## 9.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin (A/5/3/5/Vol V)

9.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li mill-kuntatti li kien hemm mal-Kappillan irriżulta li l-Ġimgħa 31 ta' Lulju, is-Sibt u l-Ħadd, l-1 u t-2 ta' Awwissu 2015 ser ikun hemm Quddiesa ta' tieġ u għalhekk l-armar tal-Bitħa tas-Santwarju ser ikollu jsir qabel. Huwa qal li saret laqgħa mal-artisti li ser jesibixxu x-xogħol tagħhom fl-isess bitħa u ppropona li jsir irkant sieket fejn parti mid-dħul tiegħu jmur b'riżq il-*Community Chest Fund*.

9.3. Dwar l-ispetaklu tal-Ġimgħa, is-Sur C. Bartolo ppropona li tindaqq mużika tat-tmeninijiet u d-disgħinijiet mill-band *What The Funk*, kif ukoll jinġiebu *disk jockeys* Pierre Cordina u D J Reflex.

9.4. Il-Kunsill laqa' is-suġġeriment skont il-minuta 9.2.

9.5. Is-Sur C. Bartolo qal li ser ikun qed iressaq il-baġit ta' l-Iljieli Melleħin fis-seduta li jmiss.

## 10.1. *Bye-laws* dwar ikkampjar u *policy* dwar tisjir fil-beraħ (B/5/Vol IV)

10.2. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-konsulent legali nkarigat mill-emendar tal-*bye-laws* 37/2/2009 talab indikazzjoni mill-Kunsill dwar jekk dan huwiex ser jinvolvi tibdil fiż-żoni attwali għall-ikkampjar.

10.3. Is-Sur J. Buttigieg tenna li ż-żona tal-ikkampjar fl-inħawi tal-Aħrax tal-Madonna biss jeħtieġ li tiġi spustjata, għaliex dik indikata fil-*bye-laws* li daħlu fis-seħħ fl-2009 hija in parti allokata lil terzi, filwaqt li fil-parti rimanenti m'hemmx siġar u għalhekk mhix addattata għal din it-tip ta' attivita`.

10.4. Il-Kunsill iddeċieda li l-*Contracts Manager* għandu jintalab jemenda l-pjanta in kwistjoni sabiex tiġi mgħoddija lill-konsulent legali.

## 11.1. Sejħiet għall-offerti b'rabta ma' kuntratti li ser jiskadu:

**(a) Servizz ta' *accountant*;**

**(b) Provvista ta' *dense coated mixes*;**

**(c) Provvista ta' konkos;**

**(d) Servizz dwar iż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (C/3/3)(D/3/1/Vol V)(L/3/Vol III)**

11.2. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-kuntratti (a); (b); u (ċ) ser jiskadu fil-31 ta' Lulju 2015, filwaqt li d-(d) jiskadi fil-31 ta' Ottubru 2015. Is-Sur C. Debono ppropona li ssir sejħa għall-offerti fir-rigward tal-ewwel tlieta u staqsa dwar jekk il-Kunsill jixtieqx jagħmel tibdil fil-kuntratt eżistenti wara li jiġi evalwat l-andament tiegħu fl-aħħar tliet snin.

11.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir sejħa fir-rigward tal-kuntratti (a); (b); u (ċ), filwaqt li dwar id-(d) kopja tat-test tal-kuntratt attwali għandha tiġi mgħoddija lill-Kunsillieri kollha bil-għan li s-suġġett jitpoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

## 12.1. Manutenzjoni fuq l-iskall ta' Rdum il-Qawwi (X/1/2)

12.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li kien hemm talba minn xi sajjieda dilettanti li jużaw l-iskall li hemm fl-Irdum il-Qawwi. L-istess skall jeħtieġ xi tiswijiet żgħar u qed jitolbu lill-Kunsill jissupplixxi l-materjal, filwaqt li x-xogħol jagħmluħ huma stess. Il-materjal irid jitgħabba miċ-ċirkewwa, peress li l-iskall in kwistjoni mhux aċċessibbli minn Triq Għajn Tuta. Bħala materjal jeħtieġu 3 jardi żrar u ramel tal-qawwi u 24 xkora siment tal-50kg.

12.3. Il-Kunsill approva t-talba.

## 13.1. Proġett dwar *performance management* (K/6/7/Vol VI)

13.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 4.5.1. tas-Seduta Nru. 36 tal-4 ta' Mejju 2015 dwar iż-żjara ta' studju u taħriġ li huwa attenda f'Oslo n-Norveġja bejn il-25 u d-29 ta' Mejju 2015. Għall-istess żjara attendew għaxar membri eletti f'Kunsilli Lokali, flimkien ma' tnax-il segretarju eżekutti, filwaqt li ż-żjara kienet kordinata mis-Sur Adrian Mifsud – uffiċċjal fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Stefan Buontempo ingħaqad mal-grupp fit-tieni jum tas-sessjonijiet.

13.3. Is-Sur C. Debono spjega li s-suġġetti trattati kienu jinvolvu:

- L-objettivi u *networks* li jirrendu x-xogħol tal-kunsill lokali aktar effiċjenti;
- Involviment tas-Sindki fit-tfassil ta' *performance management projects* intiżi biex itejbu l-effiċenza tal-kunsilli lokali;

- Evalwazzjoni tal-*PMP's* proposti mill-parteċipati aktar qabel fil-proġett;
- It-tmexxija fi żmenijiet ta' bidla;
- Il-Kunsilli Lokali fin-Norveġja u inizjativi li qed jittieħdu biex titkattar l-effiċjenza;
- Ħarsa lejn il-*PMP's* li jsiru fin-Norveġja;
- Metodi dwar il-ħolqien ta' *networks* meħtieġa biex tikber l-effiċjenza;
- Sondaġġi li jsiru fost ir-residenti;
- Ir-rwol tal-Uffiċċju tal-Istatiska Muniċipali *(KOSTRA)* fin-Norveġja;
- Żjara fil-Muniċipalita` ta' Lunner, fejn ġew spjegati prattiċi f'dak li jirrigwarda *PMP's*;
- Evalwazzjoni tal-*PMP's* proposti mill-parteċipanti u ħolqien tal-mekkaniżmu meħtieġ biex dawn jidħlu fis-seħħ fil-kuntest Malti. Din l-evalwazzjoni ser tiġi nkluża f'rapport li ser isir mis-Sur Jon Barber li huwa espert imqabbad mill-Kunsill tal-Ewropa.

13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti aktar 'il fuq.

**14.1. Attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier (A/5/3/Vol XIII)**

14.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 18.1. tas-seduta ta' qabel u f'isem il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, qal li l-attivita` ser issir nhar is-Sibt 13 ta' Ġunju 2015, bejn it-3.30pm u u l-4.30pm f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Huwa ssuġġerixxa li jitqassmu *muffins* lill-anzjani li jattendu.

14.3. Il-Kunsill approva s-suġġeriment.

**15.1. Ġbir ta' skart riċikklabbli mill-Għadira (K/6/11)**

15.2. Is-Sindku għarraf li fid-29 ta' Mejju 2015 saret laqgħa dwar is-suġġett li għaliha attendew is-Sinjuri J. Attard (Green MT Ltd), V. Attard (Nature Trust), R. Azzopardi (Awtorita` Maltija tat-Turiżmu); u Ramon Deguara (*Cleansing Services Department*). Is-Sur J. Buttigieg qal li fl-istess laqgħa ġie stabbilit mill-partijiet kollha konċernati kif ser ikun imqassam il-ġbir tal-iskart. Green MT Ltd qalu li l-*bins* għall-iskart separat fl-Għadira ser jibdew jitbattlu minnhom f'nofs Ġunju.

15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

15.4. Tqanqlet diskussjoni dwar jekk l-ġbir ta' l-iskart riċikklabbli għandux jibda jsir it-Tlieta u l-Ġimgħa, kif diġa ġie deċiż. Il-Kunsill qabel li l-aħjar żmien li dan it-tibdil jidħol fis-seħħ ikun fix-xhur ta' Ottubru/Novembru 2015.

**16.1. Parteċipazzjoni fi proġett dwar turiżmu ntern (P/10/1/Vol IV)**

16.2. Saret referenza għas-Seduta Nru. 30 tat-30 ta' Diċembru 2014 meta l-Kunsill kien ġie mgħarraf li l-Munċipalitajiet ta' Pargauja u Rauna fil-Latvia xtaqu jissieħbu mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fil-proġett imsemmi. L-applikazzjoni għall-finanzjament tiegħu saret taħt il-Miżura 2.2 – *Networks of Towns – tal-Programm Europe for Citizens* amministrat *mill-Education, Audiovisual and Culture Executive Agency* tal-Unjoni Ewropea.

16.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li din l-applikazzjoni ma' ġietx aċċettata.

**17.1. Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali 2015-2016 (F/1/7/Vol III)(A/5/3/5/Vol VII) (A/5/3/7)**

17.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li fit-8 ta' Ġunju 2015 id-Dipartiment għall-Gvern Lokali sejjaħ seminar ta' informazzjoni fuq bażi reġjonali bil-għan li jiġu diskussi linji gwida illi ser jidħlu fis-seħħ fis-sejħa li jmiss. Il-Bord li jevalwa t-talbiet daħal anke f'ċerti aspetti tal-organizzazzjoni meħtieġa u offra l-għajnuna tiegħu biex din tkun tista' titjieb.

17.3. Is-Sur C. Bartolo fakkar li fir-rigward tal-Iljieli Melleħin 2015 u l-Avveniment tal-Milied/l-Ewwel tas-Sena 2016, il-Kunsill ser jibbenefika €7,000 u €5,000, rispettivament skont l-approvazzjoni mogħtija fis-6 ta' April 2015.

17.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**18.1. Premjijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriza 2015 (F/1/7/Vol III)**

18.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li fl-10 ta' Ġunju 2015, il-Ministru tal-Ekonomija, l-Investiment u Intrapriżi Żgħar ser jippreżenta il-premjijiet imsemmija. Huwa fakkar li bħas-snin preċedenti, il-Kunsill kien ressaq in-nomina tiegħu a bażi tal-iniżjattivi li ttieħdet favur it-tkattir tal-kummerċ fil-lokalita`.

18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**19.1. Assemblea Ġenerali tal-EDEN Network (T/12/2)**

19.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-avveniment imsemmi li sar fi Brussel bejn fis-16 ta' Diċembru 2015, proprju fil-Jum Dinji tat-Turiżmu. Kompla jgħid li fl-edizzjoni li jmiss, l-EDEN ser tkun qed tagħti numru ta' unuri lil destinazzjonjiet turistiċi fuq it-tema gastronomika. Huwa qal li l-Mellieħa tista' tikkompeti għal dan l-unur b'ikel tipiku Malti li bażikament huwa Mediterranju. Dan jista' jintlaħaq bil-kollaborazzjoni mal-Koperattiva Rurali tal-Manikata u *chefs* mill-Mellieħa stess billi l-applikazzjoni tingħata l-forma ta' ktieb tar-riċetti. Id-data tal-għeluq hija l-15 ta' Lulju 2015.

19.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta fil-minuta 19.2.

19.4. Is-Sur C. Bartolo fakkar li fl-aħħar assemblea li saret, l-EDEN Network kien alloka €50,000 lill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu sabiex jintefqu fuq reklamar. Fil-fatt parti minn dawn il-fondi diġa ġew utilizzati, peress li l-Awtorita` stiednet ġurnalisti barranin li żaru l-postijiet f'Malta u Għawdex li diġa jiffurmaw parti minn *network*, inkluż fil-Mellieħa. Saret ukoll kompetizzjoni li intrebħet minn koppja barranija illi ser tittieħed fil-postijiet kollha f'Malta li rebħu EDEN Award, liema żjarat ser jiġu ffilmjati bil-għan li jkun jista' isir reklamar bihom.

19.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**20.1. Xogħol ta' kostruzzjoni fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (A/6/3/1/Vol 95)**

20.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għad-diskussjoni li kien hemm fuq dan is-suġġett fis-Seduta Nru. 36 tal-4 ta' Mejju 2015, meta ġie deċiż li s-sit vakanti li hemm biswit l-art fejn qabel kien hemm il-kumpless Belleview għandu jitwitta biex ipatti għall-ispażju li ntilef temporanjament fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi bejn Triq il-Fortizza u Triq in-Nasses. Huwa qal li dan ix-xogħol s'issa għadu ma twettaqx mill-iżviluppatur kif miftiehem, iżda minflok irriżerva biċċa fejn tqiegħed il-makkinarju tal-kuntrattur.

20.3. Is-Sindku qal li huwa diġa kkuntattja l-iżviluppatur dwar dan, li minn naħa tiegħu stqarr li kien għadu ma qdieħx l-kuntrattur li kellu jagħmel ix-xogħol.

**21.1. Ħarsien tal-annimali (A/9)**

21.2. Il-Kunsillier D. Vella rrefera għall-inizjattiva li qed tittieħed fil-lokalitajiet mill-Animal Guardians Malta, bil-għan li titjieb is-sitwazzjoni tal-qtates fit-toroq. Huwa qal li l-istess organizzazzjoni qed ittella' serje` ta' laqgħat għall-Kunsill Lokali sabiex tispjega l-ħidma li qed tippjana f'dan ir-rigward. Is-Sur D. Vella qal li huwa ser jattendi waħda minn dawn il-laqgħat li ser issir fl-4 ta' Lulju 2015 u jkun f'pożiżżjoni li jirrapporta lura lill-Kunsill.

21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**22.1. *Parking Bays* fi Triq il-Merill (T/3/2/Vol XII)**

22.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni li mill-mod kif qed isir l-ipparkjar fit-triq imsemmija, qed ikun hemm ħafna ħela ta' spazju. Huwa għaldaqstant talab li dan jiġi regolat billi jsiru *parking bays* inti u nieżel fuq ix-xellug.

22.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**23.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2015 (F/1/1/Vol II)**

23.2. Il-Kunsillier P. Cutajar staqsa għaliex kien hemm dewmien fis-sottomissjoni tar-rapport imsemmi.

23.3. Is-Segretarju wieġeb li dar ir-rapport ġie ttardjat, peress li kienet għaddejja diskussjoni fuq il-prijorittizzazzjoni tal-proġetti kapitali, li finalment kienet tinvolvi tibdil fl-estimi tal-Kunsill għall-2015. Huwa qal li dan ir-rapport kien ser jitressaq fis-seduta li jmiss.

23.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-11.00pm u ġiet-aġġornata għal nhar l-Erbgħa l-1 ta' Lulju 2015 fis-7.15pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**